MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 695/2014

**Elekra Ltd**
**(C 3583)**

**Vs**

**Maurice Farrugia**
**ID 125363M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Ottubru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet illi:

1. Fil-perjodu bejn id-19 ta' Awwissu, 2013 u t-3 ta' Settembru, 2013, is-socjeta' rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-intimat oggetti relatati ma dawl u ilma 'lightning' fuq ordni u fuq inkarigu ta' l-intimat stess.

2. Illi nonostante tali konsenja il-bilanc ta' tmien mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€812.53) baqa' ma thallasx u dan kif indikat fl-annessa fattura kopja annessa u mmarkata Dok. A;

3. Illi nonstante diversi weghdiet ta' hlas, dan baqa' ma sarx, u l-intimat ikkontesta ittra ufficjali intavolata kontra tieghu mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. (Ittra Numru 1439/11 - kopja annessa u mmarkata Dok. B). Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara u jiddeci li l-ammont ta' tmien mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€812.53) huwa dovut mis-socjeta' rikorrenti mill-intimat;

2. Tikkundanna lill-istess intimat ihallas favur is-socjeta' rikorrenti l-istess somma ta' tmien mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€812.53);

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 1439/14, kontra l-konvenut bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi l-intimat jirrespingi l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal dawn ir-ragunijiet:

1. L-intimat huwa kuntrattur fil-qasam tal-electrical Installations u xtara l-apparat mertu tal-kawza biex jinstallah fi stabbiliment ta' klijent tieghu. L-apparat irrizulta li kien difettuz u s-socjeta' attrici naqset li tipprovdi soluzzjoni ghal dan.

2. Is-socjeta' attrici kienet accettat bil-miktub li tiehu lura l-apparat u tirrifondi l-prezz [skambji ta' emails annessi] izda mbaghad, meta l-esponenti fizikament mar biex jikkonsenja lura l-oggetti, Elektra Limited inspjegabilment irrifjutat il-konsenja u ezegiet il-hlas bl-iskuza li 'ma hax mieghu kopja tal-invoice'.

3. Ghal kull bwon fini l-intimat jiddikjara li l-oggetti ghadu lest li jirritornahom kif, fuq kollox, kien gie miftiehem.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u b'riserva ta' kull rimedju li l-esponenti jista' jkollu fil-konfront tar-rikorrenti ghad-danni lilu 'kkawzati.

F'din il-kawza is-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat sensors fuq ordni tal-konvenut u dan ghal prezz ta' tmien mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€812.53). Skont il-konvenut l-

apparat kien difettuz u s-socjeta' attrici naqset milli tipprovdi soluzzjoni ghal dawn is-sensors li ma hadmux. Is-socjeta' attrici tghid illi hija mhiex tenuta tghati soluzzjoni izda meta ppruvat tghati support ghal din il-problema li nqalghet hija ma nghatatx ic-cans minhabba li sid il-fabbrika fejn kien qieghed isir ix-xoghol qata qalbu u ried jaqla kollox.

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda.

Xehdu diversi persuni kemm min-naha tas-socjeta' attrici li spjegaw ampjament il-posizzjoni tas-socjeta' attrici u anki r-raguni ghalxiex il-prodott ma setax jittiehed lura bhala return, fosthom xehdet Gabriella Cuschieri li spjegat illi l-oggett irid ikun ' in a reselable condition'.

Il-konvenut min-naha tieghu ipproduca lil Inginier illi holoq is-sistema pero din is-sistema qatt ma gie ppruvat illi kienet tajba ma kellhiex fault li beda jtajjar is-sensors. Min-naha taghha is-socjeta' attrici gabet provi li s-sensors kienu tajbin u li kellhom kienu gew ixxortjati meta ntuzaw.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi s-socjeta' attrici ma kellha zejn izjed x'taghmel u ghandha kull dritt li tippretendi l-hlas ghal oggetti li bieghat. Il-konvenut flimkien mal-Inginier kellhom ir-responsabilita li jispezzjonaw is-sistema u jsibu fejn kienet qed tfalli u tikkaguna hsara jew qtugh tas-sensors, xoghol illi ma kienz jispetta lis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi u ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u tnax-il ewro u tlieta u hamsin centezmu (€812.53) lis-socjeta' attrici. Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------